MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 406/2009

**Vodafone Malta Limited (C-10865)**
**vs**
**Natasha Galea (K.I. 301884M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ mitejn u tnejn u tlettin ewro u tlieta u disghin ewro centezmu (€232.93) rapprezentanti bilanc ta’ prezz in konnessjoni ma’ *mobile phone* bin-numru 9922 3571.

Il-konvenuta interpellata diversi drabi baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluz tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment u tal-ittra ufficjali numerata 3054/2008 u bl-imghax mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-

datat tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikata.

Ra li fis-seduta tal-14 ta' Jannar, 2010 dehret il-konvenuta fejn hija kkonfermat illi kienet irceviet in-notifika u li kien bi hsiebha tikkontesta l-kawza.

Ra li fis-seduta tat-2 ta' Frar, 2010 ma giet intavolata ebda risposta u li l-konvenuta l-anqas ma dehret ghal din is-seduta li nzammet quddiem it-Tribunal.

Ra li gie pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenuta fit-2 ta' Frar, 2010 mill-Avukat Nadia Vella u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**Av. Dr. Maria Karlsson, LL.D.**
**Gudikatur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------